MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 901/2004

**Joe Mallia Bonello**

**Vs**

**David Borg**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-attur talab il-hlas ta' tmien mitt lira Maltin (Lm800) rapprezentanti bilanc li l-konvenut fadallu jhallas fuq skrittura maghmula bejniethom.

Ra r-Risposta fejn il-konvenut qal li t-talba ghandha tigi michuda peress li l-ammont rikjest mhux dovut u dan stante illi x-xoghol maghmul mill-attur fih diversi nuqqasijiet u difetti u lanqas ma gie esegwit skond l-arti u s-sengha jew skond kif pattwit bejn il-partijiet. Jghid ukoll illi x-xoghol esegwit jikkostitwixxi periklu ingenti lil terzi, u inoltre, jehtieg illi jsiru diversi xoghlijiet rimedjali.

Ra x-xhieda ta' l-attur fejn jikkonferma li fuq ix-xoghol li ghamel ghad fadal il-bilanc. Jghid illi l-konvenut ma riedx ihallsu minhabba li kien hemm xi lment fuq xi xoghol hazin. Jikkonferma wkoll illi l-ftehim kien li l-konvenut ihallas xi elf u seba' mitt lira Maltin (Lm1,700).

L-attur jghid illi huwa dejjem bena skond il-pjanijiet tal-klijenti.

Ra x-xhieda tal-konvenut fejn jikkonferma li kien hemm diversi nuqqasijiet u difetti fix-xoghol li kien ghamel l-attur u ghalhekk Borg kien gab il-Perit Godwin Abela. Il-Perit kien ghamel lista ta' difetti li sar fuq ix-xoghol li ghamel l-attur.

Borg jghid illi certu nies bdew jghidulu li dawn id-difetti setghu jigu rrangati b'certi prezzijiet u ghalhekk qal lill-attur sabiex inaqqas tlett mitt lira Maltin (Lm300) minn elf u seba' mitt lira Maltin (Lm1,700). Jghid ukoll li mbaghad gab bennej iehor sabiex jara x-xoghol, u kien qallu li x-xoghol kien ser jitla' iktar minn tlett mitt lira Maltin (Lm300).

Jghid ukoll illi waqt li l-attur kien ghaddej bix-xoghol, il-burdura tal-gallarija waqghet ukoll.

Jikkonferma li wara li ffirma l-kuntratt ma sar ebda xoghol fuq il-post.

Fil-kontro-ezami l-konvenut jghid li kien iffirma l-iskrittura wara d-diskors ma' l-attur sabiex inaqqas tlett mitt lira Maltin (Lm300) mill-kont. Jikkonferma li wara li ffirma l-iskrittura kien ghamel pagamenti akkont ta' elf u seba' mitt lira Maltin (Lm1,700). Ma jiftakarx kemm hallas mill-ammont ta' elf u seba' mitt lira Maltin (Lm1,700).

Ra x-xhieda ta' Darren Borg li huwa l-propjetarju tal-post in kwistjoni fejn jikkonferma li l-attur ghamel xoghol hazin u l-post qatt ma tlesta.

**Ikkunsidra**

Li wara li l-attur spicca mix-xoghol il-konvenut ma kienx kuntent.  Imbaghad il-partijiet iltaqghu u ffirmaw ftehim li David Borg kien se jhallas elf u seba’ mitt lira Maltin (Lm1,700) *“in full and final settlement (Dok. A)”*. Illi wara din id-data David Borg hallas disa’ mitt lira Maltin (Lm900) izda qieghed jirrifjuta li jhallas il-kumplament ghax isostni li wara li ffirma l-ftehim Dok. A induna li r-riparazzjonijiet fix-xoghol kienu se jiswew iktar flus milli haseb meta ffirma l-ftehim (Dok. A).

Illi l-konvenut kellu l-assistenza tal-Perit tieghu meta ffirma d-dokument A. Illi dan it-Tribunal ma jistax jinjora ftehim bejn il-partijiet.  Illi huwa minnu li hemm gurisprudenza fis-sens li jekk ikun hemm kuntratt ta’ appalt u l-konvenut jirrifjuta li jhallas minhabba xoghol hazin, il-Qorti, skond ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz tista’ tikkunsidra l-eccezzjonijiet f’dan is-sens. (Ara **Blye Vs Paola Bonnici PA GV 30/3/2001**).

Illi f’dan il-kaz izda l-konvenut iffirma ftehim wara li kien jaf bid-difetti.  Illi huwa veru li l-konvenut jghid li kien wara li nduna li l-ammont ta’ difetti kienu iktar milli haseb, li ffirma l-ftehim.  Izda l-konvenut kellu l-obbligu li jara l-affarijiet sew qabel ma ffirma l-ftehim.

Ghaldaqstant jichad ir-Risposta tal-konvenut, jilqa’ t-talba ta’ l-attur u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur l-ammont ta’ tmien mitt lira Maltin (Lm800) bl-imghax mid-data tan-notifika ta’ l-Avviz (5 ta’ Mejju, 2004).  Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------